MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 41/2021

It-Tnejn, 29 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba. Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsilliera Sandra Grech ser tittardja ftit.

41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

41.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti jew ser ikunu preżenti għal-laqgħa.

41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

41.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 40/2021-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

41.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

41.2.3 Il-Kunsillier Daniel Cordina talab għal korezzjoni ta numru 40.6.6 f'paġna 10. Talab biex wara '....Ir-resident bgħat korrispondenza mill-Awtorita' ta' l-Artijiet rigward l-isqaq...' tiżdied magħha *'liema korrispondenza turi li hu 'not government owned'.*

41.2.4 Il-membri qablu li din tiżdied pero is-Sindku reġa fakkar lil Kunsillier Cordina li għandu jassumi responsabilita' għal korezzjoni ta' dawn il-minuti u reġa fakkar li hu qatt ma ħa pożizzjoni jekk dan l-isqaq hux pubbliku jew privat. Il-Kunsillier Daniel Cordina ddikjara li qed jassumi r-responsabilita' kollha.

41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

41.3.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti illi l-Avukat tal-Kunsill qed jaħdem rigward dak id-*disabled parking bay* li sar mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li lanqas Transport Malta t'Għawdex ma daħlu f'din il-kwistjoni. Is-Sindku kompla jgħid illi l-Avukat qiegħed f'komunikazzjoni ma Transport Malta u jekk ma jingħatax widen

ser tintbgħat korrispondenza lil Transport Malta bl-Ombudsman. Il-Kunsillier Daniel Cordina issuġerixxa li l-Kunsill jaqbad u jħassarhom. Is-Sindku informah li jkun iktar aħjar li kieku l-affarijiet isiru bis-sewwa u nistennew l-azzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill. Il-membri qablu.

41.3.2 Is-Sindku informa lil membri rigward il-*bye law,* il-Kunsill ġie mitlub sabiex isejjaħ laqgħa mal-ħwienet tax-xorb f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-Kunsill mhux puppazz. Il-Viċi Sindku, Dr Marlene Cini qalet li ma tistax tifhem kif din il-*bye law* qedgħa f'daqshekk lokalitajiet u minn għand dan il-Kunsill iridu li niltaqgħu mal-ħwienet. Il-Kunsillier Cordina fakkar li din tressqet sabiex ngħinu lir-residenti. Il-Vici Sindku qalet li dan hu preċedent peress li għandhom jimxu ma kull Kunsill l-istess. Il-Kunsillier Baskal Saliba fakkar li meta l-Kunsill iltaqa' ma tal-ħwienet minħabba l-ġbir ta' l-iskart f'isem il-Ministeru għal Għawdex u qatt ma sar xejn u għalhekk ma jħossx li l-Kunsill għandu jerġa jiltaqa' ma tal-ħwienet fuq il-problema tax-xorb. Il-Kunsillier Cordina ddikjara li hu mhux lest iħalli lil tal-ħwienet jiddeċiedu x'inhu ta' ġid għar-residenti.

41.3.3 Is-Sindku nforma lil membri illi l-*StormWater Culvert* ta' Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri ser isir fil-ġimgħat li ġejjin. Hu u l-Viċi Sindku iltaqgħu mal-Kuntrattur f'dan ir-rigward fuq il-post.

41.3.4 Is-Sindku talab lil membri l-approvazzjoni tagħhom sabiex jinbena parti mill-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq tas-Sagħtrija liema ħajt ma nbeniex minn naħa ta' l-Eco Gozo. Il-membri qablu. Is-Sindku informa wkoll lil membri li l-kumplament tal-ħajt li għandu jinbena u li l-Kunsill diġa ta l-offerta għadu ma nbediex jinbena. Il-Kunsillier Daniel Cordina wera l-opinjoni li jekk ma jinbediex ix-xogħol taqa' l-offerta. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jkellem lil Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

41.3.5 Is-Sindku nforma lil membri preżenti illi tpoġġiet il-kurduna mal-ħajt fi Triq iż-Żebbuġ minħabba l-ilqugħ ta' l-ilma li jinżel minn Triq Ta' Ċenċ. Kompla jgħid illi issa baqa' biss li ssir il-ġibja sabiex jintlaqa' l-ilma. Il-membri qablu li din għandha ssir malajr kemm jista' jkun ħalli tittaffa' il-problema.

41.3.6 Is-Sindku informa lil membri li l-Bus Shelter f'Marsalforn twaħħlet wara diversi diskussjonijiet li kellu f'dan ir-rigward mal-Perit tal-Ministeru għal Għawdex.

41.3.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri illi ir-*rubber flooring* tal-*playing field* Tal-Virtut qed jintrefa u għandu bżonn jitranġa. Il-membri qablu.

41.3.8 Is-Sindku informa lil membri illi hu u l-Viċi Sindku iltaqgħu ma membri tal-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ fejn dawn ta' l-aħħar wrew ix-xewqa li jinbeda' ġemellaġġ bejniethom. Il-membri qablu li l-membri tal-Kunsill għandhom jiltaqgħu magħhom uffiċċjalment.

41.3.9 Is-Sindku nforma lil membri li l-proġett WIFI4EU kważi tlesta x-xogħol u daqt jibda' jitħaddem l-internet fi Pjazza l-Assunta, fil-Mons De Piro Playing Field, fil-Playing Field tal-Virtut, fil-Bajja tax-Xwejni, fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer, fil-Bajja tal-Qbajjar u fil-Qbajjar Promenade.

41.3.10 Is-Sindku, informa lil membri illi rċieva korrispondenza minn resident fi Triq il-Ponta rigward problema tat-triq u s-sentenza li nqatgħet. Is-Sindku kompla jgħid li din hi triq ġdida. Il-Kunsillier Cordina fakkar li fil-passat, il-Kunsill kellu xi flus ivutati għal din it-triq u qal li ser jastjeni mid-deċiżjoni minħabba kunflitt ta' nteress. Il-membri qablu li din il-korrispondenza għandha tintbgħat lil Ministeru għal Għawdex għal attenzjoni tagħhom.

Il-Kunsilliera Sandra Grech daħlet fil-laqgħa fil-5.10 ta' filgħaxija u skużat ruħha.

Il-Kunsillier Daniel Cordina informa lil membri li għandu bżonn jiskuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra pero qabel talab lis-Sindku sabiex jgħaddi suġġeriment.

Wara l-approvazzjoni tas-Sindku, l-Kunsillier Cordina irringrazzja lis-Sindku li beda' jinqala u jitranġa ir-*rubber flooring* tal-bandli tal-Qbajjar promenade wara proposta waqt laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Cordina appella sabiex Gnien it-Tlett Għoljiet issir *reminder* lil Ministeru Għal Għawdex sabiex jieħdu azzjoni immedjata rigward l-istat ħażin li jinsab fih. Kompla jgħid li dan il-

Gnien jinsab bid-dawl kollu mitfi, ir-*rubber flooring* perikoluż u qed ikun hemm is-seringi. Fakkar ukoll sabiex jintbgħatu reminders rigward *ir-repainting* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq iż-Żebbuġ, l-isfel miċ-ċimiterju. Faħħar ukoll ix-xogħol sabiħ li qed isir fil-Playing Field taż-Żebbuġ.

Il-Kunsill Cordina skuża ruħu u ħareġ mill-kamra fil-5.15 ta' filgħaxija.

**41.4 Milied 2021**

41.4.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat li it-tiżjin f'Marsalforn huwa lest. Il-membri qablu sabiex issir talba lil Ministeru sabiex jintrama' presepju fil-pjazza tal-Knisja ta' Marsalforn.

41.4.2 Is-Sindku nforma lil membri illi Chris Gauci issottometta d-disinni sabiex jintrama it-tiżjin tad-dawl fiż-Żebbuġ. Il-membri approvaw id-disinni. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona u l-membri qablu li jiżżejjen ukoll fejn il-Playing Field ta' fejn l-iskola.

41.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li il-kejkijiet tal-milied jiswew €2.90. Il-membri qablu li jinxtraw.

41.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-rigali li ser jitqassmu lit-tfal jiswew €8.75. Il-membri qablu li jinxtraw.

41.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-mugs li ġew ordnati biex jitqassmu fid-djar jiswew €4.42. Il-membri qablu.

41.4.6 Il-membri qablu li l-ikla tal-membri tal-Kunsill u l-istaff għandha issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2021. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lil membri rigward Ċirkulari 46/2016.

41.4.7 Is-Sindku propona u l-membri qablu li r-rigali fid-djar għandhom jitqassmu mill-uffiċċju tal-Kunsill stess u mhux mill-għaqdiet. Il-membri qablu li minħabba r-rati għolja tal-persuni bil-virus aħjar li ma jsirx party lit-tfal u kien għalhekk li inxtraw ir-rigali.

41.5 Nativitatis in Zebbug

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettit il-programm ta' din l-attivita' li ser issir it-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2021. (Dok A)

41.6 *Quarterly Financial Statements*

41.6.1 L-Accountant tal-Kunsill ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega l-qada tal-Kunsill. L-Accountant qal li dawn setgħu isiru peress li għadhom kif ingħalqu l-*Audits* tal-Kunsill. Spjega li s-sena 2020 inqalet b'FSI -10, f'Marzu 2021 niżel f'FSI -6, f'Gunju 2021 għalaq b'FSI +3 u f'Settembru 2021 għalaq b'FSI +11. Kompla jgħid li l-minimu tad-Dipartiment għal Gvern Lokali huwa FSI+10. Qal li dan hu il-pjan ta' ħidma li l-Kunsill ilu jaħdem għalih għal sentejn u nofs sħaħ. Is-Sindku, Nicky Saliba fakkar li fis-sena 2019 konna minn taħt sew u l-Kunsill irnexxilu jirkupra. Staqsa lil Accountant x'jaħseb mill-qada tal-Kunsill. L-Accountant informah illi l-minimu mitlub mid-DLG hu ta' FSI +10 u għalhekk il-Kunsill qabeż il-minimu bl-għaqal tiegħu. L-Accountant qal li sa Settembru 2021 l-Kunsill kien diġa f'qadgħa pożittiva.

41.7 *Management Letter – year end December 2020*

41.7.1 L-Accountant tal-Kunsill beda billi informa lil membri li trid tintbgħat ir-risposta ta' din il-*management letter* fi żmien 6 ġimgħat. Inġibdet l-attenzjoni illi l-Kunsill m'għamilx *mid-term audit* meta inbidel is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill pero' l-Kunsill wieġeb illi ma kienx vijabli li jsir *mid-term audit* f'Novembru 2020 minħabba l-ispiża li jidħol fiha l-Kunsill għal xahar. Inġibdet ukoll l-attenzjoni fuq il-*bulky refuse* peress li qabeż il-budget u għalhekk il-Kunsill irrisponda li l-Kunsill malli ġie konxju ta' dan żamm aktar ir-ridni u malli għalaq il-kuntratt iterminah. L-Accountant kompla jgħid li għalkemm il-Kunsill ħa żmien biex jirranġa l-pożizzjoni tiegħu, illum il-qadgħa tal-Kunsill tranġat. Qal ukoll li kien hemm id-dejn peress li l-Kunsill ħadem u għamel proġetti kapitali li minnhom qed igawdu r-residenti stess.

Is-Sindku irringrazzja lil Accountant ta' l-ispjega tiegħu u ħareġ mill-kamra.

41.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

*Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:*

41.8.1.1 Staqsiet rigward l-offerti u l-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri illi ingabret kwotazzjoni sabiex jinbidlu d-9 fanali ta' fejn il-Horizon għal prezz ta' €5355. Il-membri qablu li għandhom jinbidlu. Infurmat ukoll lil membri li nġabru l-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *contracts manager.* Il-membri qablu li għandhom jitqabbdu Ladder Consultancy. Rigward l-offerti tas-*Supply of Ready Mix concrete patching with Hot & Cold Asphalt Material* u l-*Cleaning & Upkeep of Zebbug Playing Field and Qbajjar Promenade and Saghtrija.* Il-membri qablu li l-membri tal-bord ta' evalwazzjoni jkun magħmul mic-Chairman William Sultana u membri Dr Joshua Grech, Eng Mario Cauchi u Daniel Galea.

41.8.1.2 Staqsiet rigward l-Batterija tal-Qolla l-Bajda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha illi l-Avukat tal-Kunsill informha illi f'idejn min kienet ċedewa u issa tinsab għand il-Gvern.

*Il-Kunsilliera Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

41.8.2.1 Ġibdet l-attenzjoni sabiex terġa ssir pressjoni fuq il-Ministeru għal Għawdex sabiex tinkesa Triq il-Qbajjar u qalet sabiex sa dan it-tant isir il-*patching* li hemm bżonn. Il-membri qablu li għandha terġa ssir talba lid-Direttur.

41.8.2.2 Proponiet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jaħsbu li jwaħħlu bankijiet għal anzjani fil-*front* ta' Marsalforn li jkollhom id-dahar u jkunu ftit baxxi peress li dawk li twaħħlu huma għoljin u bla dahar. Il-membri qablu.

41.8.2.3 Talbet sabiex tinbidel il-mera li hemm fil-bidu ta' Triq Wied l-Infern peress li tkissret.

*Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

41.8.3.1 Propona sabiex tiżdied bozza fi Triq Frank Debono. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu illi jrid iġib in-*no objection* ma min ser teħel din il-bozza. Il-membri qablu.

41.8.3.2 Talab sabiex terġa ssir *reminder* lil Perit sabiex iħejji l-BOQ għal *water culvert* fl-isqaq ta' Triq Għajn Mhelhel.

41.8.3.3 Propona sabiex Triq Goma ssir *one way* waqt id-dħul u l-ħruġ mill-iskola. Il-membri qablu li għandu jintalab il-parir tal-Perit u Transport Malta f'dan ir-rigward.

41.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

41.9.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi waslet ir-risposta tal-Bord tal-Governanza rigward il-kwistjoni ta' l-ilma ta' Triq il-Ponta. Is-Segretarja kompliet tgħid illi l-Bord ma sabx li hemm amministrazzjoni skoretta jew ħażina mill-Kunsill. Kompliet tgħid illi s-Sindku mexxa l-Kunsill b'għaqal u kien għalhekk li ma nstabet ebda skoretezza. Is-Segretarja Eżekuttiv qrat ir-risposta tal-Bord tal-Governanza li ntbgħatet lil Kunsill. Il-Kunsill laqgħa b'ferħ din id-deċiżżjoni. (Dok B)

41.9.2 Talba sabiex issir *reserved disabled parking bay* fi Triq Manwel Magro. Il-membri qablu li għandha tintbgħat għal attenzjoni ta' Transport Malta.

41.9.3 Korrispondenza fejn qed issir talba għal kompensazzjoni lil Kunsill wara li sid il-karozza baqa' dieħel ġo biċċa konkos li hi l-barra fi Triq Santa Marija fejn il-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li għandu jintalab il-parir ta' l-Avukat f'dan ir-rigward.

41.9.4 Talba minn Artista lokali fejn talbet lil Kunsill sabiex jidħol f'kollaborazzjoni magħha għall-esebizzjoni ta' pittura li ser tittella' f'Dar Stella Maris. Il-membri qablu.

41.9.5 Ilment mibgħut f'isem resident mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex tiġi asfaltata mill-ġdid Triq Manuel Magro. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex peress li t-toroq

ma jaqgħux taħt l-Kunsill u l-Kunsill mhux f'qadgħa finanzjarja li jasfalta din it-triq.

41.9.6 Ittra li twasslet il-Kunsill sabiex titranġa rampa għal egħlieqi fid-Dabrani peress li wieqfa ħafna. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

41.9.7 Resident talab sabiex jinbena' ħajt tas-sejjiegħ fi Triq il-Wied li waqa' kawża tal-maltemp. Il-membri qablu li għandha ssir talba mal-Gozo LC Works.

41.9.8 Ilment Nru 47/2021 – Titlob biex titranġa l-bankina fi Triq Skapuċċina peress li ftit għolja u qed itellfu meta jkun ser joħroġ u jidħol fil-garaxx.
Is-Sindku nforma lil membri li din il-bankina saret ġdida u qal li hi 2 pulzieri inqas baxxa minn ta' dan li qed jilmenta.

**41.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 28/2021 għall-perjodu ta' Novembru 2021 li tammonta għal € 54,179.63 ġiet approvata u ffirmata.

**41.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.10 ta' filgħaxija u ġiet *sine die.*

Konfermati, illum 20 - 12 - 2021

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv

Dok 'A'

# NATIVITATIS in Zebbug

***7th December 2021 from 6pm onwards***

***Pjazza l-Assunta—Zebbug Gozo***

- Horse driven Sleigh—*Come take a memorable photo*
- Bouncy Castle, Sports Pitch, Santa Claus and Elf
- Candle light Festival
- Christmas Market
- Free Mulled Wine
- Lighting up of the Christmas Tree
- Christmas Carols Concert in the church with the collaboration of Santa Marija Philarmonic Society Zebbug, Santa Marija Chorus and Chorus Regina Angelorum

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

***One must present a Vaccine Certificate to attend.***

Dok 'B'

BORD TA' GVERNANZA LOKALI | LOCAL GOVERNANCE BOARD

20 ta' Settembru 2021

Każ Numru: 004/2020

**Kunsill Lokali Żebbuġ (Għawdex)**

Permezz ta' Ittra datata 17 ta' Ġunju 2020, mibgħuta mid-Direttur Gvern Lokali (Moniteraġġ u Sapport) liċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernanza, dan tal-aħħar ġie mgħarraf b'ilment li kien sar minn resident tal-lokalita' (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"resident"), taż-Żebbuġ, Għawdex fil-konfront tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex, (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ il-"Kunsill" u/jew il-"Lokalita'"), dwar xogħol ta' tiswijiet fi triq fejn kien jirrisjedi r-residenti *ossia* fi Triq il-Ponta, Żebbuġ, Għawdex.

Illi bażikament l-ilment jikkonċerna problema ta' ilma tax-xita li kien qed jinġemgħa quddiem id-dar tar-resident minħabba livellar ħażin tat-triq u li b'konsegwenza ta' dan saret ħsara fil-bieb tal-proprjeta' tiegħu.

Illi bħala fatti li wasslu għal dan ir-resident biex iressaq l-ilment tiegħu, il-Bord iħoss li jkun opportun li dawn jiġu riportati u riprodotti, in sintesi. B'hekk u għall-aħjar intendiment dan il-Bord ser jgħaddi biex jislet il-fatti prinċipali relatati mal-każ, anke peress li jirriżulta li l-ilment jirrisali lura għas-sena 2010.

<u>Verżjoni tar-Resident</u>

Illi dan l-ilment jaf il-bidu tiegħu lura fis-sena elfejn u għaxra (2010), u minn dak iż-żmien għalkemm ir-resident baqa għal diversi drabi jiġri wara l-Kunsill, il-Kunsill baqa' qatt ma ħa azzjoni sabiex isir ix-xogħol fit-triq. Skont ir-resident, il-fatt ġraw b'dan il-mod u f'din il-kronoloġija, u ċioe':

F'Marzu 2010, il-perit tal-Kunsill kien għarraf lill-Kunsill li kien għamel spezzjoni ta' triq u rriżulta li kien hemm problema fit-triq fejn jirrisjedi r-resident, fis-sens li beda jinġema l-ilma u li dan setgħa jiġi tranġat permezz ta' xogħol ta' korrezzjoni tal-livellar tat-triq. In sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' ittra datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) iffirmata mill-Perit rigward *"Complaint of water retention in front of Triq il-Ponta, Żebbuġ, Għawdex"* fejn irrileva li *"there is a problem of surface water retention in view that the levels must be corrected so that the water flows to a nearby water culvert grating. To achieve this, the area in question (around 50 sq. mts. in total) must be scarified so that the levels are corrected. This can be done by the hot rolled asphalt contractor when he carries out the patching works at Triq il-Knisja."*

F'April 2010, waqt laqgħa tal-Kunsill, dan tal-aħħar ħa konjizzjoni tal-konklużjonijiet tal-perit u ddecieda li jitlob lill-Perit stima tax-xogħol. In sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Seduta Numru 49/10) miżmuma fl-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010) fejn fis-sezzjoni *"4. Korrispondenza"* insibu li *"Ittra tal-Perit dwar ilment li qed iżomm l-ilma quddiem ir-residenza Triq il-Ponta. Ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel stima tax-xogħol."* Fil-fatt jidher ukoll minn dokument li ppreżenta r-resident li t-talba lill-Perit saret permezz ta' posta elettronika (*e-mail*) fejn insibu li *"2. Ilment li qed iżomm l-ilma quddiem Triq il-Ponta. Il-Kunsill qiegħed jitolbok biex tagħmel stima tax-xogħol ta' tarmac propost minnek."*

F'Mejju 2010, il-perit ta' l-istima tiegħu ta' elfejn u disgħa u sittin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€ 2,069.32) fir-rigward tax-xogħlijiet. In sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' ittra maħruġa mill-Perit tal-Kunsill li anness magħha hemm stima. L-ittra hija datata disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u għaxra (2010) rigward *"Estimate of proposed works – correction of levels at part of Triq il-Ponta, Żebbuġ, Gozo, due to water retention problem"* ffirmata mill-Perit fejn permezz tagħha għarraf lill-Kunsill li *"the works consist of resurfacing of part of Triq il-Ponta to ensure that the current stormwater retained within this part of the street flows into the stormwater culvert"* u permezz tal-istess ittra, l-Perit ippreżenta l-stima tax-xogħolijiet relattivi ammontanti kif ġja ingħada għal elfejn u disgħa u sittin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€ 2,069.32)

F'Ġunju 2020, il-Kunsill approva x-xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq il-Ponta, f'dik il-parti li tiġi quddiem il-residenza tar-resident, u dana sabiex tiġi solvuta l-problema tal-qlib tal-ilma quddiem din ir-residenza. In sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Seduta Numru 51/10) miżmuma fl-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) fejn fis-sezzjoni *"4. Korrispondenza"* insibu li *"Il-Kunsill approva: resurfacing ta' parti minn Triq il-Ponta quddiem ir-residenza biex tiġi solvuta problema ta' qlib ta' ilma; stima ta' € 2,069".*

Għalkemm dan ix-xogħol kien approvat, il-Kunsill ma ħa l-ebda azzjoni biex isiru x-xogħolijiet u tittaffa u/jew tissolva l-problema li kien ilmenta dwarha r-resident.

Madwar tlett (3) snin wara, ċioe' fis-sena elfejn u tlettax (2013), il-Kunsill kien reġa rriveda dan il-każ, u kien anke talab lill-perit biex jerġa jagħmel stima tax-xogħol. In sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' posta elettronika (*e-mail*) datata l-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) mibgħuta mill-Kunsill lill-Perit bis-suġġett ikun *Triq il-Ponta"* u permezz ta' liema l-Perit ġie nfurmat li *"Perit, Għandi stima li kont ħriġt inti bid-data 29/5/2010 biex isiru xogħolijiet quddiem Triq il-Ponta li għal xi raġuni l-kuntrattur ta' dak iż-żmien ma kienx għamel ix-xogħol li kien ordnat jagħmel il-KL. Fid-dawl li l-prezzijiet tat-tarmak kienu għolew, nitolbok biex tirrivedi din l-istima li kont għamilt."*

Tenut kont tal-fatt li t-*tarmac* kien għola fil-prezz, din id-darba l-istima, ġiet tammonta fis-somma ta' sitt t'elef u sebgħa u tletin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 6,307.47). In

sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' posta elettronika (*e-mail*) mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill fit-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn il-Perit għadda kopja tal-istima lill-Kunsill u fl-istess ħin għarrfu li *"The rates are obviously much higher."* Ir-resident ippreżenta wkoll kopja tal-istima ammontanti għal sitt t'elef u sebgħa u tletin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 6,307.47).

Imbagħa f'laqgħa tal-Kunsill miżmuma f'Novembru 2013, il-Kunsill approva mill-ġdid li dan ix-xogħol isir, pero' reġa ma ħa l-ebda azzjoni biex dan jiġi attwat. In sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Seduta Numru 25/13) miżmuma fil-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn fis-sezzjoni *"3. Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa bin-Nru. 24/13"* insibu li *"Dwar il-problema tal-qlib tal-ilma quddiem ir-residenza )fi Triq il-Ponta, is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-istima tal-Perit – stima tax-xogħol €6,037.47. Il-Kunsill approva x-xogħol tat-tarmak fi Triq il-Ponta".*

Imbagħad wara li ma ttieħdet l-ebda azzjoni għal bosta snin, diversi snin wara, u ċioe' fis-sena elfejn u tmintax (2018), il-Kunsill kien approva li jitnaddaf sprall li kien jinsab quddiem ir-residenza tal-resident. In sostenn ta' dan ir-resident ippreżenta kopja ta' minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Laqgħa Numru 54/2018) miżmuma fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn insibu *"Ilment 55/2018 – - Biex jitnaddaf l-isprall fi Triq il-Ponta quddiem ir-residenza Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġabar kwotazzjoni mingħand -omissis- li tammonta għal €200 biex itella żewġ piedi terrapien minn hemm isfel. –Omissis- qal li x'ħin niżel fl-isprall ma setax jikkalkula eżatt kemm hemm terrapien fl-isprall u għalhekk il-kwotazzjoi ma tistax tkun eżatta. Is-Sindiku qal li dan għandu jitnaddaf it-terrapien kollu sabiex ma joħloqx problemi lir-residenti jekk dan ifur. Kien hemm qbil unanimu mill-membri dwar dan."* [1] Ir-resident ipppreżenta wkoll kopja ta' kwotazzjoni rigward tindif tal-isprall fl-ammont ta' €200 għal kull pied, li tammonta għal elf ħames mija u erbgħa u tletin ewro (€1,534) inkluż il-VAT, u dan stante li l-fond tal-*shaft* huwa ta' sitt piedi u nofs (6.5 feet).

Madanakollu x-xogħol ta' *resurfacing* sabiex tiġi solvuta l-problema tal-livellar tat-triq biex ma jinġemax ilma, baqa ma sarx.

Fl-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), ir-resident bagħat ittra lil Kunsill fejn, b'mod formali, spjega kif il-problema kienet ilha għaddejja għal bosta snin u kif kawża ta' dan ġarrab ħsarat fil-bieb tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Ir-resident ippreżenta kopja tal-ittra datata għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) mibgħuta lill-Kunsill fejn *inter alia* saħaq li fir-rigward tal-problema tal-ilma tax-xita, dan qed jinġemgħa quddiem ir-residenza tiegħu billi l-pendil tat-triq meta sar ma sarx kif kellu jsir. Ikompli jgħid li minkejja l-ilmenti li għamel u minkejja li l-problema u x-xogħolijiet gew diskussi f'diversi laqgħat tal-Kunsill, tant li ġew approvati x-xogħolijiet, il-Kunsill baqa ma ħa l-ebda passi effettiv biex jindirizza u jirrimedja darba għal dejjem il-problema. Iżid ukoll li per

---

[1] paragrafu 54.7.29 li jinsab f'paġna 10 minn 11 tal-minuti

konsegwenza ta' din l-problema ġiet ikkaġunata ħsara fuq il-bieb tal-garaxx tant li jeħtieġ li jinbidel u jsir mill-ġdid. Kien għalhekk li r-resident filwaqt li talab lill-Kunsill biex jagħtih kumpens kif jixraq għal dawn il-ħsarat li ġew ikkaġunati fuq il-bieb, talab ukoll lill-Kunsill biex fi żmien mhux aktar tard minn xahar isiru x-xogħolijiet relattivi.

Fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Kunsill wieġeb għal din l-ittra billi nforma lir-resident li ma kienx hemm qbil mill-Kunsilliera sabiex dawn ix-xogħolijiet isiru u jiġu eżegwiti. Ir-resident ippreżenta kopja tal-ittra datata tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) mibgħuta mill-Kunsill lir-resident.

Fil-laqgħat sussegwenti fejn issemmew dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsill tenna li x-xogħol baqa' ma sarx minħabba li preżentement ma kienx f'qagħad finanzjarja tajba biżżejjed biex jagħmel dan, minkejja l-fatt li għaddew għaxar (10) snin u x-xogħol kien ġie approvat darbtejn bl-ebda referenza għal fatt li mill-qagħda finanzjarja l-Kunsill ma setgħax jagħmel dan ix-xogħol. Ir-resident ippreżenta kopja ta' minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Laqgħa Numru 06/2019) miżmuma fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn Il-Viċi Sindku tal-Kunsill *"Semmgħiet l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand <ir-resident>, ta' Triq il-Ponta, Żebbuġ dwar it-triq ta' quddiem l-imsemmija residenza. Is-Sindiku talab li tinqara din l-ittra, fejn il-mittenti talbet ukoll għar-risposta. Is-Sindku staqsa għalfejn fis-sena 2010 ma saritx meta tressqet dakinhar? Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hi kif inhi. Kien hemm toroq aktar disastrużi u agħar minn din, u sa llum lanqas biss saru. Il-Kunsill nafaq kważi €1,500 biex jitnaddaf l-spiera fuq proposta ta' l-istess sid biex l-ilma jaqa' ġo fiha. Il-membri preżenti qablu fuq dan. Is-Sindku kompla li jekk ma taqbilx, tista' tmexxi bi proċeduri legali. Il-Kunsillier –omissis- żied li x-xogħol xorta għadu approvat biex isir għax il-problema għadha hemm. Il-Kunsillier wieġeb li fuq proposta ta' l-istess sid infetħet u tnaddfet l-ispiera biex l-ilma jaqgħa ġo fiha...."*[2] Ir-resident ippreżenta wkoll kopja ta' minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Laqgħa Numru 07/2019) miżmuma fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn fost l-oħrajn insibu li *"Is-Sur –omissis- qal li dawn ir-residenti li bagħtu din l-itra ilhom jissaportu aktar minn disa' snin... Il-Viċi Sindku... żiedet li l-Kunsill mhux f'posizzjoni finanzjarja li tista' ssir bħalissa bħalma ma jistgħux isiru triqat oħrajn. Is-Sur –omissis- stqarr li x'hin il-Kunsill ikun qiegħed f'kundizzjoni tajba finanzjarja għandha tingħata prijorita'. Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq dan."*[3]

Minħabba l-fatt li għalkemm għaddew dawn is-snin kollha u l-Kunsill baqa' ma ħax azzjoni dwar dan il-każ, ir-resident ħassu aggravat prinċipalment għal żewġ raġunijiet u ċioe' fl-ewwel lok għall-fatt li b'konsegwenza li jekk dan ix-xogħol isir illum hemm il-possibilita' li dan ikun jiswa ferm aktar flus peress li l-materjal jogħla maż-żmien, u fit-tieni lok n-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Kunsill li pperdurat għal diversi snin, tammonta għal amministrazzjoni ħażina.

---

[2] paragrafu 06.5.1 li jinsab f'paġna 4 u 5 minn 19 tal-minuti
[3] paragrafu 07.2.3 li jinsab f'paġna 2 u 3 minn 13 tal-minuti

Kien għalhekk li r-resident talab lil dan il-Bord jinvestiga dan il-każ ai termini ta' Regolament 5 (a) tar-regolamenti dwar Bord ta' Gvernanza Lokali.

Verżjoni tal-Kunsill

Illi għall-ilment tar-resident, il-Kunsill isostni li dan m'għandux fis-sewwa u li għalhekk ma jistħoqqx u ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

Il-Kunsill jibbaża d-difiża tiegħu fuq il-fatt li meta qam formalment l-ilment l-ewwel darba, lura fis-sena elfejn u għaxra (2010), il-Kunsill kien diversament kompost minn dak li tal-lum, *ossia* tal-perjodu li fih qed jinstema' dan l-ilment.

Il-Kunsill jirrileva li s-Sindku preżenti kien ġiet elett fis-sena elfejn u tlettax (2013), u dak iż-żmien kien ħa ħsieb jitlob stima tax-xogħol mill-ġdid lill-Perit tal-Kunsill tenut kont tal-fatt li x-xogħol/materjal kien għola. Jirriżulta fil-fatt li l-istima tax-xogħolijiet kien għoliet bi tlett (3) darbiet u ċioe' minn elfejn u disgħa u sittin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€ 2,069.32) telgħet għal sitt t'elef u sebgħa u tletin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 6,307.47)

Skont il-Kunsill, is-Sindku li kien ġie elett fis-sena elfejn u tlettax (2013) kien sab ma wiċċu qagħda finanzjarja mill-aktar imwiegħra, frott ta' akkumulazzjoni mis-Sindku ta' qablu. Kien għalhekk li l-Kunsill bla ma ried beda jieħu miżuri ta' awsterita' biex jipprova jġib taħt kontroll l-iżbilanċ li kien hemm fil-finanzi tal-Kunsill.

Il-Kunsill filwaqt li jirrikonoxxi li kien hemm approvazzjoni tax-xogħolijiet ta' *tarmac* fi Triq il-Ponta, *ossia* it-triq fejn jgħix ir-resident, kif jirriżulta mill-minuti tal-laqgħa Numru 24/13, madanakollu l-Kunsill ma setax ma jqisx li kien hemm prijoritajiet fl-agenda tax-xogħol tal-Kunsill li kellhom jingħataw preċedenza minħabba l-urgenza tan-natura tagħhom fil-qies tal-problemi finanzjarji li kien jinsab fihom il-Kunsill f'dak il-perjodu.

Kien hemm toroq oħra li l-kundizzjoni tagħhom kienet ferm agħar mill-problema li hemm ta' Triq il-Ponta li kellhom bżonn ta' tiswija bla dewmien. Il-Kunsill ried għalhekk juża l-vot finanzjarju b'għaqal u b'kawtela.

Fuq parir mogħti mill-Perit, l-problema tal-għadajjar tal-ilma fi Triq il-Ponta quddiem id-dar tar-resident setgħet tittaffa drastikament kemm –il darba l-isprall li hemm fi Triq il-Ponta jitnaddaf mill-ħama u t-terrapien li kien hemm ġo fih u jinżamm nadif biex jinżamm milli jinstadd u l-ilma jfur fit-triq billi dan kien fattur 'il għala kien qed iżomm l-ilma quddiem id-dar tar-resident.

L-istima tal-ispiża relatata mal-indif tal-isprall kienet ġiet ferm orħos mill-ispiża biex isir xogħol ta' *resurfacing* ta' parti mit-triq bl-asfalt (*tarmac*). Fiċ-ċirkostanzi, partikolarment dawn finanzjarji, il-Kunsill għażel li jitnaddaf l-isprall b'nefqa ta' elfejn ħames mija u erbgħa u tletin ewro (€1,534) inkluż il-VAT. Qabel ma sar dan ix-xogħol ta' tindif is-Sindku kien

ikkomunika mal-familja tar-resident, fejn din aċċettat li jsir it-tindif tal-isprall ħalli wieħed jara jekk il-problema tissolviex minflok ma l-Kunsill jidħol fi spiża ferm akbar ta' asfaltar mill-ġdid ta' parti mit-triq li kif ġja ngħad l-istima kienet ammontanti għal sitt t'elef u sebgħa u tletin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 6,307.47).
Dan ix-xogħol ta' tindif sar ukoll bl-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tal-Kunsill (Laqgħa Numru 06/2019) miżmuma fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) billi ma kienx hemm qbil li fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill jidħol fi spiża sostanzjalment għol biex isir *resurfacing*.

Il-Kunsill itenni li r-riferenza għal-laqgħat li saret mir-resident fl-ittra tiegħu tal-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) hi għall-minuti tal-laqgħat ta' żmien li fihom kien hemm kunsill diversament kompost u li kien presjedut minn sindku differenti minn dak attwali.

Meta qam l-ilment taħt is-Sindku attwali huwa ħa ħsieb li jindirizza l-ilment bl-aktar mod ekwu fil-qies tar-restrizzjonijiet finanzjarji li kien qed iħabbat wiċċu magħhom il-Kunsill. Ix-xogħol ta' tindif mill-Kunsill sar wara li kienet ġiet ikkonsulatat l-familja tar-resident u kien hemm qbil minnhom li jsir hekk ukoll.

Kien hemm reżistenza qawwija minn uħud mill-kunsilliera biex il-*budget plan* tal-Kunsill jiġi osservat u jkun hemm kontroll sħiħ fuq l-infieq tal-finanzi tal-Kunsill. Dan joħroġ b'mod ċar mill-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Laqgħa Numru 06/2019) miżmuma fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u mill-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Laqgħa Numru 07/2019) miżmuma fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019).

In sostenn tat-teżi tiegħu l-Kunsill ippreżenta kopja ta' posta elettronika (*e-mail*) mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill lill-Kunsill u dan bħala risposta għal domandi li l-Kunsill kien għamel lill-Perit tramite posta elettronika (*e-mail*) preċedenti. Fl-*e-mail* relattiv il-Perit tal-Kunsill irrileva li mil-lat tekniku *"huwa possibbli ħafna li kieku l-Kunsill għamel resurfacing ta' din il-parti tat-triq biex isolvi l-problema ta' ilma li jinġabar waqt ix-xita, jista' jkun li xorta l-Kunsill kien jibqa' bil-complaint għax tant il-pendil huwa mejjet li jista' jkun li xorta jinġema l-ilma sakemm tieqaf ix-xita."* Il-Perit tal-Kunsill ikompli jisħaq li *"fl-opinjoni tiegħi l-fatt li l-Kunsill naddaf il-manhole ta' fejn jinġabar l-ilma għandu jgħin biex il-problema tittaffa ħafna u jista' jkun li tirriżulta bħala soluzzjoni effettiva daqs li kieku tqaxxret it-triq."*

Illi dwar il-bieb tal-garaxx tar-residenti, meta mistoqsi dwar kemm l-injam tal-garaxx għandu bżonn jinżebaħ biex jinżamm fi stat tajjeb, permezz tal-istess posta elettronika (*e-mail*) mibgħuta lill-Kunsill, u ċioe' dik hawn fuq imsemmija, il-Perit jirrimarka "*li kwalunkwe aperturi tal-injam dejjem għandhom jinżebgħu jekk jista' jkun kull tlett (3) snin u deċizament mhux iktar minn ħames snin. Dan minħabba l-klima tagħna ta' xemx qawwija speċjalment fis-sajf u anke x-xita fix-xitwa flimkien mal-bdil sostanzjali fit-temperaturi min-nhar għal lejl iwassal għal qsim fiż-żebgħa u dħul ta' ilma taħt iż-żebgħa. Iktar ma jdumu ma jinżebgħu aperture iktar ikun hemm bżonn manutenzjoni qawwija nkluż brix tal-aperturi tal-injam."*

Kien prinċipalment għal ħames raġunijiet li l-Kunsill żamm lura milli jagħmel ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq il-Ponta, ċioe' quddiem id-dar tar-resident. Dan huwa:

(i) Il-limitazzjonijiet fil-vot tal-finanzi tal-Kunsill wara s-sena elfejn u tnax (2012) u t-twissjiet kontinwi tal-awtoritajiet regolatorji biex il-Kunsill iżomm mal-*budget plan*;
(ii) Id-dejn akkumulat mill-kunsilli preċedenti li kellhom iġorruh u jagħmlu tajjeb għalih il-kunsilli ta' wara u dak attwali mill-vot tagħhom;
(iii) In-nuqqas ta' azzjoni f'waqtha mill-Kunsill li taħtu sar ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Ponta u wkoll mill-Kunsill fis-sena elfejn u għaxra (2010) meta l-istima tax-xogħol rimedjali kienet għadha waħda relattivament baxxa, u x-xogħol rimedjali kien baqa' ma sarx xorta waħda;
(iv) Iż-żieda sostanjzali fl-ispiża għall-istess xogħol li sa tliet snin wara żdiedet bi tripplu minn dik li kienet saret fis-sens elfejn u għaxra (2010) għall-istess xogħol;
(v) Il-kundizzjoni ta' toroq fil-lokalita' li kienu ferm agħar u malandati minn Triq il-Ponta u li ħadu preċedenza minħabba l-perikolu li kien jeżisti.

Madanakollu l-Kunsill preżenti għamel ħiltu kollha biiex itaffi mill-problema li teżisti tal-ilma li jakkumula fit-triq billi ħa miżuri biex naddaf l-isprall u neħħa kull possibilita' ta' mblokk li kien fattur li kien iżomm l-ilma fit-riq milli jitlq u jaqa' fih b'aktar ħeffa.

Għalhekk il-Kunsill kif kompost jissottometti li bl-ebda mod ma jista' jinstab responsabbli ta' nuqqas ta' governanza tajba jew li naqas li jagħmel ħiltu biex jindirizza l-problema fil-limitazzjonijiet li sab ruħu fihom wara s-sena elfejn u tnax (2012).

Kunsiderazzjoni ta' dan il-Bord

Illi l-Bord żamm seduta, u ċioe' dik tat-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fejn f'din l-udejnza xehdet li tiġi mart ir-resident u kif ukoll is-Sindku Nicky Saliba.

Illi sintetikament l-ilment tar-resident idur mal-fatt li hemm parti minn triq fi Triq il-Ponta Żebbuġ, Għawdex, liema parti tiġi quddiem id-dar tar-resident fejn din iżomm l-ilma tax-xita fiha minħabba diżlivell tat-triq. Konsegwenza ta' hekk kull meta tgħaddi xi vettura din ittajjar l-ilma tax-xita għal fuq il-bieb tal-garaxx tad-dar tar-residenti u dan spiċċa bi ħsarat.

Illi għalkemm l-ilment sar lura fis-sena elfejn u għaxra (2010) u għalkemm tul is-snin saru żewġ (2) stimi mill-Perit tal-Kunsill rigwardanti xogħolijiet fit-triq odjerna, u nonostante li l-Kunsill approva għal darbtejn (2) li jsiru dawn ix-xogħolijiet, xorta waħda l-imsemmija xogħolijiet baqgħu ma saru qatt.

Illi eventwalment wara li fl-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) r-resident għamel ilment formali bil-miktub, l-Kunsill wieġbu lura fejn infurmah li l-Kunsill kien bidel il-posizzjoni tiegħu u din id-darba ma kienx hemm qbil mill-Kunsilliera sabiex dawn ix-xogħolijiet isiru u jiġu eżegwiti.

Illi skont il-Kunsill ix-xogħolijiet ma sarux minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja, tant li kellu twissjiiet kontinwi tal-awtoritajiet regolatorji biex il-Kunsill iżomm mal-*budget plan*;

Illi pero' l-Kunsill prova jtaffi l-problema u għalhekk għamel xogħlijiet ta' tindif fi spiera biex b'hekk din tilqa' l-ilma tax-xita, proprju minn sprall li hemm biswit id-dar tar-resident.

Illi l-mara tar-resident pero' tirrileva li l-posizzjoni tal-Kunsill *ossia* li m'għandu finanzi sabiex iwettaq ix-xogħolijiet *de quo*, hija biss skuża, għaliex il-Kunsill għamel xogħolijiet oħra fil-Lokalita' li m'humiex ta' natura urġenti, fosthom intefa ammont ta' konkos fil-*playing field* u mbagħa rega inqala. In sostenn ta' dan il-mara tar-resident ippreżentat tmien (8) ritratti.

Illi dwar il-konkos is-Sindku preżenti jirribatti billi jgħid li dan reġa tqatta' bi spejjeż tal-kuntrattur u mhux mill-fondi tal-Kunsilli, peress li l-proġett oriġinali sar mill-fondi tal-*EUIF*.

Illi barra minn hekk mart ir-resident ippreżentat skeda ta' pagamenti li minnha joħroġ li sar kisi ta' ħajt tas-sejjieħ li ġie jiswa sbatax –il elf ewro (€17,000)

Illi dwar il-ħajt tas-sejjiegħ, is-Sindku jiddikjara li dan kien ġej *Belvedere* fis-sena elfejn u erbatax (2014) u elfejn u ħmistax (2015) fi Triq Għajn Mhelhel. Dan il-ħajt kellu jsir bilfors għaliex is-sies inqata' 'l barra u ċeda, u b'hekk kien ta' periklu. Pero' dan ix-xogħol sar fis-sena elfejn u għoxrin (2020) u l-ispiża kienet ta' madwar elfejn ewro (€2,000).

Hija tiddikjara li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill f'dan il-perjodu kienet waħda tajba u li djun tal-passat ma kienx hemm, u l-Kunsill qatt ma kellu problema ta' finanzi.

Illi l-mara tar-resident tgħid li peresss li l-bieb tal-garaxx jinsab eżattament faċċata tal-ilma, l-ilma jiġi direttament fuqu, u stante li huwa magħmul mill-injam, dan spiċċa. F'dan is-sens ġiet ippreżentata stima tal-ħsara tal-bieb tal-garaxx, liema stima hija ta' ċirka elfejn ewro (€2,000)

Illi meta l-mara tar-resident ġiet mistoqsija in kontro-eżami kemm il-darba għamlu manutenzjoni fuq il-bieb biex issa tant spiċċa illi jrid jinbidel, il-mara tar-resident tikkonferma li daruh darbtejn biż-żebgħa żgur.

Illi r-resident ressaq dan l-ilment ai termini tar-Regolamenti Dwar Bord Ta' Gvernanza Lokali [Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.150 *ossia* Avviż Legali 63 tal-2010], taħt l-Artikolu 5 (a).

Illi l-Artikolu 5 (a) jistipula hekk:

5. *Il-Bord għandu l-funzjoni li jistħarreġ u jiddeċiedi fuq kull kwistjoni mressqa lilu dwar:*
   (a) *kull abbuż allegat jew deċiżjoni jew amministrazzjoni ħażina magħmulin minn rappreżentant elett, Segretarju Eżekuttiv jew xi uffiċjal ieħor, meta dak l-għemil ħażin ma jkunx wieħed ta' xorta kriminali;*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dan l-ilment jirrigwardja allegat għemil ħażin li madanakollu m'huwiex ta' xorta kriminali, u għalhekk dan il-Bord huwa kompetenti li jisma' l-każ.
Illi preliminarjament il-Bord jirrileva li m'huwiex kompetenti u lanqas m'huwa mogħni bis-setgħa li jordni li xi persuna (sia korp ġuridiku u/jew persuna fiżika) inkluż Kunsill li jħallas xi ammont ta' flus rappreżentanti danni u/jew ħsarat kaġuni minn xi persuna oħra.

Illi għalhekk l-ilment tar-resident sa fejn jolqot il-kwistjoni ta' rifużjoni tal-ħsarat fuq il-bieb ma taqax fil-kompitu ta' dan il-Bord. Dan apparti mill-fatt li ma nġabet prova li l-ħsarat kienu b'kawża tal-ilma tax-xita. Barra minn hekk l-istima ppreżentata la hija waħda fiskali u lanqas tindika l-persuna li ħejjietha *ossia* dik li eventalment ser tagħmel ix-xogħol fuq il-bieb.

Illi ma hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li tul is-snin saru żewġ (2) stimi mill-Perit tal-Kunsill u li l-Kunsill approva għal darbtejn (2) li jsiru dawn ix-xogħolijiet.

Illi huwa minnu wkoll li s-Sindku attwali ma kienx l-istess persuna meta tqajjem l-ilment lura fis-sena elfejn u għaxra (2010)

Illi fil-fatt meta l-Kunsill approva l-ewwel darba r-*resurfacing* ta' parti minn Triq il-Ponta quddiem id-dar tar-resident, *ossia* fil-laqgħa tal-Kunsill miżmuma fl-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010), is-Sindku kien s-sur Carmelo Saliba.

Illi madanakollu meta l-Kunsill għat-tieni darba approva x-xogħol ta' tarmac fi Triq il-Ponta, tramite l-laqgħa miżmuma fil-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), is-Sindku kien s-Sur Nicky Saliba, ċioe' is-Sindku preżenti.

Illi huwa minnu wkoll li x-xogħolijiet relattivi għalkemm approvati mill-Kunsill baqgħu qatt ma saru nonostante li għaddew diversi snin.

Illi l-Bord iħoss li ġialadarba kienet ittieħdet deċiżjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill miżmuma fl-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010), ix-xogħolijiet kellhom isiru u jitwettqu f'ħin qasir u raġonevoli. [Is-Sindku f'dan il-perjodu kien persuna oħra minn dik li kienet tokkupa l-kariga fi żmien meta sar l-ilment bil-miktub].

Illi l-fatt li x-xogħolijiet ma' sarux minħabba nuqqas ta' azzjoni da' parti tal-Kunsill wassal għal sitwazzjoni fejn sussegwentement u ċioe' madwar tlett (3) snin wara, it-*tarmac* ogħla drastikament bil-konsegwenza li l-istima ġiet tiswa tlett (3) darbiet aktar. [F'dan il-perjodu is-Sindku kien s-Sur Nicky Saliba, ċioe' is-Sindku preżenti].

Illi minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li s-Sindku preżenti jgħid li sab meta daħal fil-kariga, huwa għamel li seta u fiċ-ċirkostanzi finanzjarji prevalent ħa ħsieb li jindirizza l-ilment bl-aktar mod ekwu, u dana billi naddaf l-ispiera biex l-ilma jinżel mill-isprall.

Illi għalhekk mill-atti tal-każ jirriżulta s-segwenti:

1. Illi li kieku x-xogħolijiet saru fi żmien raġonevoli minn meta ġew approvati l-ewwel darba, l-ispiża li l-Kunsill kellu jħallas għax-xogħlijiet relattivi kienet tkun ferm anqas, ċioe' skont l-ewwel stima.
2. Illi meta ittieħdet it-tieni deċiżjoni u ġie approvat li jsiru x-xogħolijiet fl-imsemmija triq, id-deċizjoni biex saret l-approvazzjoni saret fuq stima, u l-istima kienet għad-disposizzjoni tal-Kunsilliera li kienu preżenti għal-Laqgħa tal-Kunsill.

Il-kunflitt fil-provi jirrigwardja l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill:

- Il-Kunsilli jtenni li x-xogħolijiet ma sarux minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja; mentri
- Il-mara tar-resident tiddikjara l-Kunsill qatt ma kellu problema ta' finanzi.

Illi pero' jekk huwa minnu li fi żmien ta' meta ttieħdet it-tieni deċiżjoni u ċioe' meta ġie approvat li jsiru x-xogħolijiet skont it-tieni stima, is-sitwazzjoni finanzjarja kienet waħda prekarja, allura l-Kunsill messu ma' approvax li jsiru dawn ix-xogħolijiet propjru għaliex l-qagħda finanzjarja ma kinitx tippermetti.

<u>Deċiżjoni</u>

Għaldaqstant f'dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kunsill Lokali. Madanakollu dan il-Bord jieħu l-opportunita' biex jirrileva żewġ punt importanti.

Fl-ewwel lok meta Kunsill japprova proġett dan irid jara li jagħmel ħiltu kollha biex tali proġett jitwettaq fl-anqas ħin possibbli sabiex filwaqt li ma tinħoloq l-ebda inkonvenjent lill-Lokalita' u kif ukoll lir-residenti tiegħu, fl-istess waqt l-ispiża li tkun proġettata li tintefaq fuq tali proġett ma tħalli ebda impatt finanzjarju fuq l-estimi, fis-sens li ma tiżdiedx mal-medda tas-snin.

Fit-tieni lok il-Bord iħoss li jrid jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-mod ta' kif għandhom jittieħdu d-deċiżjonijiet speċjalment fejn dawn ikunu jinvolvu l-finanzi. Ma jkunx gust li Kunsill japprova proġetti meta jkun jaf li l-finanzi ma jippermettux. Il-Bord għalhekk iħeġġeġ u jirrakkomanda lill-membri kollha tal-Kunsill bħala rappreżentanti eletti mill-poplu u għall-poplu biex ikunu ferm attenti u prudenti meta jiġu biex jieħdu vot fuq deċiżjonijiet li jinvolu proġetti fil-Lokalita'.

Kopja ta' din id-deċiżjoni qed tintbagħat lill-partijiet u lid-Direttur Gvern Lokali.